# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

# CHAIRMAN DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

## Rikors Numru: 6/2019 SG

**FAD Enterprises Limited**

**vs**

**Joseph Vella f'ismu proprju, kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Ta' Natu Limited**

**Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors promotur li jaqra:

*"1. Illi s-socjeta' intimate hija s-sid tal-hanut giq maghrufa bl-isem ta' Ta' Natu Supermarket kif ukoll Stop and Save gewwa Constitution Street, fil-Mosta, Malta;*

*2. Illi illum l-gurnata l-istess fond kummercjali jinsab mikri lis-socjeta' rikorrenti u dana permezz ta' kuntratt ta' kera;*

*3. Illi fost l-ohrajn, s-socjeta` intimata, permezz tal-imsemmi kuntratt obbligat ruhha li tforni dawl fl-ammont ta' 150KVA lis-socjeta' attrici;*

*4. Illi s-socjeta attrici skopriet illi zewg metres minn dawk li jinstabu fil-fond ma humiex qed jithallsu bir-rata commercial u li sahansitra wiehed mill-metres ma baqax bir-rata commercial fuq talba tal-konvenut Joe Vella stess;*

*5. Illi dana il-fatt wassal sabiex sal-gurnata ta' llum is-socjeta' attrici diga hallset l-ammont ta' wiehed u erbghin elf, sitt mija u disgha u disghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€41,699.47) zejda f'konsum ta' dawl u dana stante li l-intimata ma fornietx dawl bir-rata commercial lill-esponenti liema danni ghadhom jizdiedu ta' kuljum.*

6. *Illi sabiex jikkawtela d-drittijiet taghhom l-esponenti pprezentat Mandat ta' Sewkwestru Kawtelatorju Numru: 117/2019 liema mandat gie provizorjament milqugh nhar it-8 ta' Ottubru 2019 u din il-kawza hija ukoll intiza sabiex izzomm tali mandat in vigore.*

*Jghidu ghalhekk l-intimai jew min minnhom ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandiex din 1-Onorabbli Tribunal:*

1. *Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jipprovdu dawl b'rata commercial u dana meta l-istess kuntratt jaghmilha cara illi l-fond li qed jinkera huwa wiehed kummercjali;*

2. *Tillikwida, prevja okkorrendo in-nomina ta' dawk l-esperti kollha li dana 1-Onorabbli Tribunal ihoss li huma opportuni, d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti li sa llum l-gurnata diga jammontaw ghall-ammont ta' wiehed u erbghin elf, sitt mija u disgha u disghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€41,699.47) oltre d-danni li ta' kuljum ghadha ssofri s-socjeta' rikorrenti.*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu dawn id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali ta' Ottubru* **elfejn** *u dsatax (2019) u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju suriferit kontra l-intimat u bl-ingunzjoni ta' l-istess intimat ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ngunt.*

*Bl-ispejjes."*

Ra r-risposta ta' l-intimat proprio et nomine li taqra:

*"Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl- ispejjeż, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi preliminarjament, dan 1-Onorabbli Bord fil-ġurisidizzjoni tiegħu Għawdxija m'għandux ġurisdizzjoni sabiex jisma' din il-kawża, u dan għaliex, ai termini tal-artikolu 741(c) u 767 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti proprio et nomine għandu il-privileġġ illi jiġi imsejjaħ quddiem il-Qrati tal-gżira fejn jirrisjedu, u għalhekk ġa la darba l-esponenti kemm proprio kif ukoll nomine jirrisjedu fil-gżira ta' Malta huma kellhom jiġu citati quddiem il-Bord li Jirregola 1-Kera f'Malta.*

2. *Illi in subsidium u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-kuntratt ta' kera li hija 1-bażi tal-azzjoni rikorrenti huwa res inter alios acta in kwantu għall-esponenti proprio stante illi huwa ma kienx wieħed mill-partijiet fl-istess kuntratt, u għaldaqstant ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-istess partijiet.*

3. *Illi fil-mertu, in subsidium u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jew min minnhom m'humiex responsabbli għall-ebda danni illi setgħet soffriet s-soċjetà rikorrenti u dan stante illi s-soċjetà Ta' Natu Ltd dejjem onorat l-obbligi assunti minnnha fil-kuntratt ta' kera relattiv.*

4. *Illi l-ħanut mikri huwa fornit b'servizz tad-dawl f'ammont ta' 150KVA kif hemm stabbilit fl-istess kuntratt, liema kuntratt ma jagħmel ebda referenza għal liema rata għandha tiġi applikata.*

5. *Illi fl-aħħar is-soċjetà rikorrenti trid iġġib prova dwar il-quantum tad-danni allegatament sofferit minnha.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Ra li dan il-każ ġie assenjat lil dan il-Bord kif hekk ippresedut.

Sema' l-provi.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rigwardanti l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*.

**Ikkunsidra:**

Illi l-konvenut proprio et nomine qed jinvoka l-*privilegium fori* u dan peress li skont hu, din il-kawża messha ġiet intavolata quddiem il-Bord li jirregola l-Kera f' Malta.
Il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta bl-artikolu 16 jistabilixxi li għandu jkun hemm Bord li Jirregola l-Kera u jipprovdi dwar kif għandu jkun magħmul l-istess Bord. L-artikolu 20 jipprovdi li l-Bord għandu l-istess setgħat mogħtija mill-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Fl-imsemmi Kapitolu 69 ma hemm xejn dwar il-kompetenza tal-Bord kwantu jirrigwarda l-gżira ta' Għawdex u għalhekk f'dan ir-rigward huma applikabbli l-provvedimenti normali li jistabilixxu l-kompetenza bejn il-Qrati ta' Malta u dawk ta' Għawdex (Vide sentenza mogħtija minn dan il-Bord hekk kif diversament ippresedut fid-19 ta' April, 2012 Rikors Numru. 3/2011 Francis Grech, Mary Doris sive Mary Dolores mart Carmeo Grima, Michael Grech, L-imsemmi Francis Grech F'ismu u bħala mandatarju ta' ħutu msefrin Victor Grech, u Raymond Grech Kif debitament awtorizżat. vs Michael Lowell).

Issa skont l-Artikolu 50 tal-Kap. 12, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta` pretensjoni kontra;

*".....l-persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta` Ghawdex jew ta` Kemmuna, kif ukoll ta` dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti.".*

Illi l-artikolu 741 tal-Kap 12 jiddisponi li:-

*"L-eccezzjoni ta` l-inkompetenza tal-qorti tista` tinghata –*

*(c) meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari."*

Persuni li joqgħodu f`Malta għandhom id-dritt, meta jkunu konvenuti f`kawzi, li jiġu msejħa quddiem il-qrati f`Malta (Artikolu 767 tal-Kap. 12):-

*"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta` Malta rigward il-qrati ta` dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta` Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta` dawk il-Gzejjer.".*

L-istess benefiċċju jappartjeni lill-persuni residenti f`Għawdex.

Illi l-artikolu 770 tal-Kap 12 jiddisponi:

*`Il-privilegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari`.*

L-artikolu 771 tal-Kap 12 jistipula:

*`Il-privilegium fori ma jistax jintalab mill-werriet, meta ghar-raguni msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan,ma setghax ikun mitlub mill-awtur tieghu`.*

Dan il-Bord iqis li l-indirizz mogħti mill-konvenut proprio et nomine huwa wieħed f' Malta. Illi applikati dawn l-artikoli għall-każ odjern jirriżulta li l-konvenut għandu r-residenza tiegħu f' Għawdex. Illi fil-fatt fil-każ odjern il-konvenut eżebixxa kopja tal-karta ta` l-identita` tiegħu kif ukoll tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu minn fejn jirriżulta li l-indirizz tal-konvenut huwa proprju indirizz f' Malta. Għalhekk la darba il-*privilegium fori* tqajjem, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta għandhom normalment japplikaw. Fil-fatt hija l-kwistjoni ta` residenza li fuqu huwa stabbilit l-artikolu 741 (c) tal-Kap12. Jirriżulta wkoll li din l-eċċezzjoni tqajjmet *in limine litis*.

Il-*privilegium fori* jispiċċa:

1. Meta l-għadd ta` konvenuti li jgħixu Malta u Għawdex hu ndaqs (Artikolu 769).

2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawża, għandha skont il-ftehim tiġi eżegwita fi Gżira partikolari (Artikolu 770).

3. Meta jkun hemm rinunzja għalih mill-persuna li għandha jedd għalih (Artikolu 772).

Issa fil-każ odjern l-ewwel ċirkostanza ma tapplikax stante li kien l-istess rikorrenti li utilizza l-istess indirizz għal entrambi Joseph Vella u għal Ta' Natu Limited. Is-soċjeta' rikorrenti sostniet li l-indirizz imniżżel u indikat minn Vella huwa wieħed li ma jeżistix għaliex huwa effetivament qatt ma ġie notifikat hemm, tant li kellu jkun l-avukat ta' fiduċja tiegħu li ta ruħu b' notifikati b' diversi atti ġudizzjarji meta kien jidher waqt is-seduti ffissati f' din il-kawża jew fil-mandat ta' inibizzjoni allegat ma' dawn l-atti. Madanakollu, il-Bord iqis li fir-riferta ġie mniżżel li fond bl-isem ta' 'Doris' fi Triq l-

Oratorju ma nstabx. Dan ma jfissirx li tali indirizz huwa skorrett għax jista' jagħti lok li l-istess post għandu numru tal-bieb u ma hemmx indikat isem tal-bieb fuq il-faċċata tar-residenza. Bil-ġurament tiegħu, Joseph Vella spjega li dak huwa l-indirizz tiegħu u ġialadarba lanqas biss ma ntalab li jsir kontroeżami, dan il-Bord iqis li ma għandhux għax jiddubita mill-veraċita' tal-kontenut ta' l-istess affidavit eżebit.

Dwar it-tieni ċirkostanza fejn jispiċċa l-*privilegium fori*, jiġi rilevat li skont l-artikolu 770 tal-Kap 12 il-*privilegium fori* jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari. Kwindi l-liġi hija tassattiva u ma tħalli lok għal ebda tip ta` interpretazzjoni. F`każijiet li jaqgħu fit-termini ta` l-artikolu 770 tal-Kap 12, l-intimat ma jibqalgħux aktar id-dritt li jinvoka l-benefiċċju li jiġi mħarrek quddiem qorti partikolari. Dan ifisser li meta l-kawża tkun tivverti fuq obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tiġi esegwita f`Għawdex, il-konvenut għalkemm residenti f`Malta ma jistax jissolleva din l-eċċezzjoni u l-kawża trid tiġi deċiża mill-Qorti ta` Għawdex (Ara **Gorg Vella noe et** vs Rev Charles Cini, Cit Nru: 6/99AMT deċiża fis-16 ta` Frar, 2001).

Il-prinċipju ewlieni li dejjem ġie segwit mill-qrati tagħna kien illi, fejn in-negozju ġuridiku fil-parti preponderanti tiegħu kellu jiġi esegwit fi gżira partikolari, dik il-gżira kellha kompetenza tisma' l-kawża. F` dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel refrenza għal diversa ġurisprudenza fosthom dik fl-ismijiet **Maria Bezzina vs J Grech Ltd** (Nru: 38/2009AE deċiża fit-13 ta` Ottubru 2009) fejn intqal li:

*`Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f`kaz ta` obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "....il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare nell`una delle dette isole determinatamente."*

Kif ukoll il-kawża fl-ismijiet **Angelo Zammit vs Michele Debono** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta` Frar 1917 (Volum XXIII.iii.495) fejn ingħad:

*"Che questa disposizione contempla evidentemente l`esecuzione di un`obbligazione contrattuale, non potendo le espressioni `il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare`, riferirsi ad un`obbligazione come quella che nel caso si pretende fare derivare ex delicto, cioe` dal dolo praticato dal convenuto;*

*Che per l`applicazione della disposizione citata e` mestiere che tra il creditore ed il debitore sia intervenuto un patto per cui l`obbligazione si debba eseguire in una delle isole determinatamente; e la esistenza di un tale patto e` inconcepibile nelle obbligazioni fondate sulla colpa extra-contrattuale."*

U

**Joseph Xerri noe vs Hix Travel Limited** (186/1997PC deċiza fl-10 ta` Novembru 2000 fejn intqal li:

*"Fil-kaz in ezami nsibu kif anke jirrizulta mid-"Dokti. H.1 u H.2" esebiti mis-socjeta` konvenuta, illi s-sede ufficcjali ta` din il-kumpanija huwa fil-gzira ta` Malta, precizament fl-indirizz: 93, Rower*

*Road, Sliema, u għalhekk `prima facie` jidher illi s-socjeta` konvenuta għandha ragun tqajjem din l-eccezzjoni gialardarba giet imħarrka fil-Qorti ta` din il-gżira u mhux f`dik ta` fejn titqies li hija r-residenza tagħha.*

*Imma l-Qorti ma tistgħax tieqaf hawn, kif donnha tippretendi s-socjeta` konvenuta. Importanti ferm għas-soluzzjoni ta` din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tingħata waħda mill-eccezzjonijiet għal din irregola u rilevanti għal kaz in ezami. Infatti dan l-istess artikolu jgħid illi:*

*"l- `privilegium fori` jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gżira partikolari".*

*……Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruħhom dwar din l-eccezzjoni tal-`privilegium fori`, u din il-Qorti tiffaccja tali eccezzjoni prattikament kull darba li xi ħadd residenti Malta jigi mħarrek quddiemha.*

*Dejjem pero` gie ritenut illi, kif tistipula l-ligi stess, dan il-beneficcju talkonvenut jispicca kemm il-darba jigi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gżira partikulari, fil-kaz tagħna f`Għawdex(ara f`dan ir-rigward : Appell Civili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima:12.2.92; u cit. 6/1996: "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" mogħtija fit-22 ta` April 1997 u kkonfermata fl-Appell).*

*Hekk ukoll fil-kaz prezenti nsibu illi l-obbligazzjonijiet kollha in konnessjoni ma` dan in-negozju ikkuntrattat bejn il-mandanti ta` l-attur nomine minn naħa l-waħda u s-socjeta` konvenuta minn naħa l-oħra sar kollu f`Għawdex, millagenzija tal-Kumpanija "Hix Travel Limited" tramite r-rapprezentanta tagħhom f`din il-gżira . M`għandu jkun hemm għalhekk l-ebda raguni għaliex lallegatobbligu tas-socjeta` konvenuta li tinforma lill- koppja Greenwood bilħtiega ta` visa għalihom biex jiddaħħlu gewwa Franza, u li minħabba fih qed tigi mħarrka din l-agenzija ta` l-ivvjaggar, ma setgħax għalhekk facilment jitwettaq ukoll mill-ufficcju tagħhom f` Għawdex.*

*Għaldaqstant f`dawn ic-cirkostanzi, fejn irrizulta illi n-negozju guridiku li ta lok għall-kawża prezenti twettaq fil-parti preponderanti tiegħu fil-gżira ta` Għawdex, gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l- `privilegium fori` tal-konvenut."*

Deċiżjonijiet oħra f` dan ir-rigward huma s-segwenti:

**Cassar Desain vs. Rapa et** – 13.02.1862 (Vol. II.P.102)

*"Avendo considerato che, sebbene I convenuti nell`Isola di Gozo, e che giusta la disposizione dell`articolo 775 delle leggi d`Organizzazione e Procedura Civile, quando I convenuti residenti nella detta isola siano in maggior numero de` convenuti residenti nell`Isola di Malta, ciascuno di detti residenti nel Gozo puo declinare il foro di Malta – e sebbene il-beneficio del foro cessa, a tenore dei provvedimenti espressi nell`articolo 777 delle dette leggi, nel caso in cui la causa versi sopra una obligazione il cui adempimento sia stato convenuto doversi fara nell`una delle dette Isole*

*determinatamente-pure in fatto non si controverte che I convenuti ed I loro autori siano stati obbligati di adempiere in Malta l`obbligazione de loro assunta circa I pagamenti dei canoni."*

**Angelo Pisani noe vs. Paolo Mizzi** –07.12.23 (Vol. XXV.I.p.1031)

*". . . secondo l`articolo 777 delle leggi di procedura civile il beneficio del foro cessa quando siasi convenuto che l`obbligazione debba essere adempita nell`isola diversa da quella ove ha residenza il convenuto che invoca il-beneficio suddetto"*

**Salvatore Cilia vs. Paolo Bajada** – 30.03.33 (Vol. XXVIII.III.1114)

*". . .il convenuto declina il foro di Malta siccome egli e` domiciliato al Gozo. Il convenuto (sic) pero` ribatte la detta eccezione col fare riferimento all`articolo 777 del Codice sul rito in forza del quale "il beneficio del foro cessa ancora nel caso in cui la causa versi sopra una obbligazione il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare null`una delle dette isole determinatamente" e la corte di appello di sua Maesta il 31 Marzo 1927 (Collez. XXXVI, I, 386) in commento del suo surriferito disposto ritenne doversi lo stesso applicare ad una causa in cui l`obbligazione fu adempiuta in Malta, tanto colla consegna quanto col pagamento del prezzo, fondandosi sulla presunzione di una tacita elezione di domicilio riguardo a tutto cio` che concerne una data obbligazione (v. anche sent. P.A. Civile, 19.0262, Collez. II, pag 102, ed. Appello 6 giugno 1930, Micallef vs. Zammit)"*

**Giuseppe Busuttil vs. Giorgio Spiteri** – 18.11.39 (Vol. XXX.I.1004)

*"Skond l-artikolu 774, kombinat ma l-Art 748 para. 3 tal-ligijiet tal-Procedura Civili min joqghod Ghawdex ghandu dritt ossia benefizzju li jigi mharrek quddiem il-Qorti ta` Ghawdex u ghalhekk ghandi dritt li jeccepixxi l-inkompetenza tal-Qorti jekk jigi mharrek quddiem il-Qorti ta` Malta ………. Dana l-benefizzju jispicca meta l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li l-adempiment taghha kellu jsir, bi ftehim, f`wahda jew l-ohra minn dawn il-Gzejjer ……"*

**Patri Partiniano Cutajar noe vs. Avukat Dr. Dustan George Bellanti noe** – 13.02.53 (Vol. XXXVII.I.59)

*"Illi l-Kodici tal-Procedura fl-art. 742c jistabilixxi li l-eccezzjoni ta` l-inkompetenza tal-Qorti tista` tinghata, fost kazi ohra, meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari. L-art. 768 imbaghad, ikompli jzid li dan il-beneficcju msemmi fil-paragrafu c tal-art. 742, hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta` Malta rigward il-Qorti ta` din il-Gzira u lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna rigward il-Qorti ta` dawn il-Gzejjer. Minn dawn id-disposizzjonijiet inholoq id-dritt ta` kull persuna li tigi mharrka quddiem il-Qorti tal-Gzira fejn hija tinsab toqghod. Pero` jinghataw kazijiet, kif l-istess Kodi tal-Procedura jistabilixxi, fejn dan il-privilegg ma jkunx jista` jigi miltub u milqugh. Hekk fl-art. 771 il-Kodici jistabilixxi li dan il-previlegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi ezegwita fi Gzira partikolari. Meta l-kawza tkun tivverri fuq obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi ezegwita hawn Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti Malta, ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza jinhtieg li tigi deciza quddiem dina l-Qorti Taghna. Hekk ukoll, ghalkemm il-konvenut ikun residenti Ghawdex, jekk il-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha*

*ssir Malta, allura kompetenti jkun l-Qorti ta` Malta u mhux din (ara f`sens konformi Kollez. Vol. XXVIII-III-1114, Vol. XXIX-III-35, Vol. XXX-I-1004, Vol. XXXI-722);*

*Inoltre, il-Kodici tal-Procedura, fl-art. 746, ikompli jistabilixxi ceri regoli li ghandhom jitharsu sabiex tigi stabbilita l-kompetenza bejn Qorti u ohra ta` dawn il-Gzejjer f`certi kazi ta` residenza prezunta u fost kazi ohra, fil-paragrafu (h), jistabillixi rigward wirt battal il-Qorti kompetenti hija dik tal-lok fejn il-mejjet kien joqghod l-ahhar, jekk dan il-lok ikun maghruf.*

*. . . il-hlas tac-cens kellu jsir lill-appellant nomine fil-Gzira ta` Ghawdex. B`dina l-kondizzjoni "l-privilegium fori" li l-enfitewta seta` jinvoka in bazi ghad-disposizzjoni ta` l-art. 742c u 768 tal-Kodici tal-Procedura Civili gie nieqes, kif stabbilit fl-art 771 ta` l-istess Kodici."*

**John Borg vs. Salvatore Bonnici** – 19.11.54 (Vol. XXXVIII.I.236)

*"illi pero` skond l-art. 771 ta` l-imsemmi Kodici tal-Procedura, il-"privilegium fori" jispicca meta l-kawza tkun dwar obligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi ezegwita fi Gzira partikolari – liema principju ghandu jipprevali ghar-regola generali stabbilita fl-art. 768 fuq citat.*

*. . .L-appellant issottometta l-argument li fl-art. 771 fuq citat hemm il-kliem "skond il-ftehim" u li ghalhekk jehtieg li jkun hemm ftehim "espress" li l-obligazzjoni ghandha tigi ezegwita fi gzira partikulari. Izda l-ftehim jista` jkun "tacitu" u hu ftehim tacitu anki meta l-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-ligi . . ."*

**Vivian Gatt noe vs. Carmelo Grima** (Vol. LXXVI.II.369)

*"Issa jirrizulta b`mod car li l-hlas mill-konvenut kien dejjem isir Malta fl-ufficcju tal-attur nomine. L-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa kollu ghax-xoghol u negozju li kien ghaddej qabel bejn il-kontendenti sa kemm il-konvenut kien waqaf fil-hlas. L-iskrittura in kwistjoni tirregola biss kif kellu jithallas il-bilanc. Minn dan wiehed jifhem li ma ma semmghu xejn il-partijiet dwar fejn kellu jithallas il-bilanc, kien intiz bejniethom li dan kellu jibqa jsir f`Malta u la dan kellu jsir Malta japplika d-dispost ta` l-artikolu 770 tal-Kodici fuq citat u ghalhekk f`dan il-kaz il-privilegium fori kien jispicca.*

**Alfred Cremona et vs. Vanda armla Bradshaw** (Vol. LXXVIII.II.162)

*"L-artikolu 50(I) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghal Ghawdex hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza odjerna taghhom fil-gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna. Minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli ohra rilevanti fl-istess Kapitolu 12 jirrizulta illi l-Kompetenza hi determinata mir-residenza tal-konvenut f`kawza bl-eccezzjoni tal-kaz li l-kawza tkun dwar l-obbligazzjoni li skond il-ftehim relattiv kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari (ara Artikolu 770 – Kapitolu 12)".*

**Joseph Aquilina noe vs. Richard dei Conti Stagno Navarra** (Vol. LXXIX.II.661)

*"Jinghad fih infatti illi dik il-Qorti ta` Ghawdex bl-eskluzjoni tal-Qorti ta` Malta li naturalment tezawtora l-kompetenza ta` din il-Qorti, hija kompetenti biex tisma u tiehu konjizjoni – bhala Qorti*

*ta` l-ewwel grad – "ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqgħodu jew li għandhom residenza tagħhom ordinarja fil-gżira ta` Għawdex jew kemmuna kif ukoll dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-ligi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-Qorti".*

*"Hu car għalhekk illi fuq kollox u qabel xejn hu l-fattur tar-residenza tal-konvenut li jirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ta` Għawdex, ad eskluzjoni tal-kompetenza ta` din il-Qorti ….."*

*……"Minn dawn id-disposizzjonijiet inħoloq id-dritt ta` kull persuna li tigi mharrka quddiem il-Qorti tal-Gzira fejn hija tinsab toqgħod".*

Issa fil-każ odjern, mill-premessi jirriżulta li l-mertu ta' din l-kwistjoni jirrigwarda ħanut lokat mill-konvenut proprio et nomine a favur tas-soċjeta' rikorrenti. Dan il-ħanut jinsab ġewwa l-Mosta, hekk kif jirriżulta anke mill-affidavit ta' Joseph Vella eżebit in atti. Għalhekk, jirriżulta li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita f` Malta stante li l-proprjeta kienet tinsab f' Malta. Għalhekk, lanqas ma tissussisti din it-tieni ċirkostanza li permezz tagħha jispiċċa l-*privilegium fori*.

Jifdal issa t-tielet ċirkostanza li permezz tagħha jispiċċa l-*privilegium fori*, u ċioe' jekk ikun hemm rinunzja għal tali eċċezzjoni. Is-soċjeta' rikorrenti qed isostni li ġialadarba fil-mandat ta' inibizzjoni ġiet imqajjma din l-eċċezzjoni ta' *privilegium fori*, u mbagħad ġiet irtirata, bil-konsegwenza li dan il-fatt għandhu jiġi meqjus bħala rinunzja għal tali *privilegium fori*.

Il-Bord jibda biex jagħmel referenza għal dak deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Nru. 578/2019 fl-ismijiet Road Construction Co Ltd vs Salvu Mintoff & Sons Ltd fil-5 ta' Ġunju, 2019 fejn intqal:

*"Tqis illi fir-rigward ta' dan il-mandat innifsu, ukoll ta' l-eċċezzjoni tal-privilegum fori mressqa biex tilqa għat-talba li saret quddiema, il-Qorti għandha tagħmel referenza għad-digrieti u sentenzi ġia mogħtija dejjem in konessjoni ma l-art jew biċċiet minnha mertu ta' dan il-mandat.*

*Frankament iż-żewg partijiet qed jissolevaw talbiet u difiżi li ġew ġia eżaminati mill-qrati tagħna, bl-ovvju ta' waħda aktar mill-oħra, li jwassal lil din il-Qorti għal tħassib vera ta' 'l hekk imsejjaħ forum shopping. .*

*Tqis illi waħda mid-difiżi li tresqet għat-talba tal-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni hija dik tal-privillegum fori, in poche parole is-soċjeta' intimata ssostni li għandha tkun il-Qorti t'Għawdex li tiddeċidi din il-vertenza. Għal dan ir-rikorrenti wieġbet li tali eċċezzjoni, jekk hekk tista tissejjaħ f'dawn il-proċeduri, m'għandhiex tiġi trattata fi proċeduri ta' att kawtelatorju.*

*Tqis li huwa miżmum illi fi proċeduri bħal dawn in eżami, ħrug ta' att kawtelatorju, ex lege l-grad li jinħtieg jinlaħħaq huwa dak ta' prima faċie, grad li ġia fin-natura tieħu jinpedixxi lil Qorti adita milli tindaga in funditus fuq kull vertenza mressqa inkluż dik ta' kompetenza ta' Qorti. F'dawn il-*

*proċeduri l-Qorti kif inhu rissaput QATT ma tmiss jew tiżen il-mertu, u tara biss jekk hemmx jedd, lir-rikorrenti għandu dan il-jedd mad-daqqa t'għajn u jekk hux se jsoffri pregudizzju rreparabbli jekk tali jedd hux kawtelat. Sic et simplicitur. Eċċezzjoni ta' kompetenza trid bħal kull eċċezzjoni tiġi pruvata u sostnuta. U dan mhux sal-grad meħtieg f'dawn il-proċeduri. Għalhekk tqies illi din 'l hekk imsejħa eċċezzjoni m'għandhiex lok f'dawn il-proċeduri."*

Dan il-Bord iqis li għalhekk nonostante li kienet imqajjma tali eċċezzjoni fl-atti tal-mandat allegat ma' dawn l-atti, dan il-Bord jaqbel ma' dak fuq espost fis-sens li tali eċċezzjoni ma għandhiex lok f' dawk it-tip ta' proċeduri.

Issa fil-każ odjern, huwa minnu li din l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* ġiet irtirata minn Joseph Vella proprio et nomine fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni u dana mingħajr preġudizzju għall-ispejjeż (Vide verbal tad-9 ta' Ottubru 2020 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 29/2020). Madanakollu, bil-fatt li tali eċċezzjoni ġiet irtirata ma jfissirx f' għajnejn dan il-Bord li tali eċċezzjoni ġiet rinunzjata, iktar u iktar meta il-Bord iżomm f' moħħu li eċċezzjoni ta' *privilegium fori* ma għandhiex lok fi proċeduri ta' mandati kawtelatorji.

**Decide**

Għal dawn il-motivi dan il-Bord filwaqt li qiegħed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenut proprio et nomine, jordna li l-atti kollha ta' dan ir-rikors jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali f'Malta sabiex il-każ jiġi assenjat lill-Bord kompetenti f'Malta skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta rikorrenti.

(ft) Dr. Simone Grech
Chairman

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur